MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 2/2014

**Pro-Health Limited**

**vs**

**Karl Frederick Micallef**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef disa' mija u hamsin Euro u hamsa u sittin centezmu (€3950.65) rapprezentanti bilanc dovut ghal prodotti konsenjati lilu mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghax, il-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduti iffissati mill-Qorti u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2015 Dottor Claire Bonello ghas-socjeta attrici nformat lill-Qorti li s-sorte kienet thallset, pero l-ispejjez ma kienux thallsu, gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, limitatament dwar l-ispejjez tal-kawza.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------